# Tislima l-E.T. Dr. Alexander Cachia Zammit

*11 t'Awissu 1924 - 30 ta' Lulju 2014*



Nhar l-Erbgħa, 30 ta' Lulju 2014 tħabret il-mewt tat-Tabib Alexander Cachia Zammit fl-għomor ta' 89 sena, tnax il-jum biss mill-eta' sabiħa ta' 90 sena. Huma serva għal ħafna snin bħala tabib tal-familja fil-kommunita' taż-Żejtun u 'l madwar u kien politiku ta' suċċess għal bosta snin. Barra minn hekk hu kien il-President tal-Għaqda Mużikali Beland għal 54-sena sħaħ kif ukoll Rettur tal-Fratellanza tas-Sagrament għal bosta snin.

Fis-sena 1987 ġie nominat bħala Ambaxxatur għas-Santa Sede fejn għin ħafna fl-ewwel żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II ġewwa Malta u fis-sena 1992 sar uffiċjal tan-National Order of Merit. Huwa kien persuna infittxija ħafna fil-kommunita' taż-Żejtun, fejn ħadem għal bosta snin b'risq il-poplu Żejtuni. Kellu devozzjoni w imħabba speċjali għall-Patruna tagħna Santa Katarina V.M. fejn dejjem kienet tkun parti mis-soluzzjonijiet tiegħu u dejjem jirrikorri għalija fit-talb tiegħu.

Il-funeral tiegħu sar nhar is-Sibt, 2 ta' Awissu 1914 fid-9:15 ta' fil-għodu fil-knisja parrokkjali ta' Santa Katarina ġewwa ż Żejtun akkumpanjat b'korteo saċ-ċimiterja ta' San Girgor mill-Banda Beland.

Huma iżżewweġ fis-sena 1954, lil Doris Martin u kellu żewġ ulied John u Kathryn.

**Agħtih Mulej**
**il-mistrieħ ta' dejjem!**